MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 609/1986/1

**Wilhelmina Abela bhala direttrici u in rappresentanza ta' Mabrouk Limited**

**vs**

**Alex Ciantar**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta' attrici fejn gie premess:-

Billi l-konvenut ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru numru 954/86 f'ismijiet inversi in kawtela tal-pretensjoni tieghu ghall-elf hames mija u sbatax il-lira maltija (Lm1517) ta' ammont simili dovut ghal-xoghol extra, bonus, u bilanc ta' pagi.

Billi l-istess pretensjoni dedotta mill-konvenut hija bla bazi kif ga gie kontestat tul il-kawza.

Billi l-mandat in kwistjoni gie wkoll ottenut minghajr ma qabel saret l-interpellazzjoni rikjesta fl-artikolu 849(4)(b) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili.

Billi ghalhekk l-istess mandat hu null u vessatorju.

Billi b’risultat l-attrici nomine qieghda ssofri danni konsistenti f’telf ta’ negozju, imghax u spejjez.

Ghalhekk is-socjeta’ attrici qed titlob li jigi dikjarat irritu, null u vessatorju l-mandat ta’ sekwestru numru 954/86 fl-ismijiet inversi in vista tac-cirkostanzi premessi u li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghad-danni kollha kawzati lis-socjeta’attrici bl-istess mandat, liema danni jigu likwidati f’gudizzju separat. Is-socjeta’ attrici qed titlob ukoll li l-konvenut jigi kkundannat ihallas dik il-penali komminata mill-ligi f’dak l-ammont li jigi stabbilit minn din il-Qorti u dan in vista tal-agir illegali tieghu kif fuq premess kif ukoll lis-spejjez ta’ din il-kawza. Il-kovenut gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccept:-

Illi l-mandat ta’ sekwestru 954/86 hareg sewwa.

Illi l-ammont dovut huwa l-mertu ta’ kontrotalba fil-kawza Nru 1307/84 JDC fl-ismijiet “Wilhelmina Abela noe vs Alexander Ciantar et”, u l-mandat isegwi l-validita’ tal-istess kontro-talba.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li din il-kawza giet trattata kontestwlment mal-kawza indikata fin-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut u cioe’ ic-citazjoni numru 1307/84 GC fl-istess ismijiet.

Rat l-atti kollha tal-imsemmija kawza l-ohra citazzjoni numru 1307/84 GC fejn jirrizulta li l-konvenut odjern ghamel kontro-talba appuntu dwar il-pretensjonijiet tieghu kif dedotti fil-mandat kawtelatorju li hu l-meritu ta’ dawn il-presenti proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza kif ukoll l-atti tal-imsemmija kawza l-ohra cioe’ c-citazzjoni numru 1307/84 GC.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat li din il-kawza giet differita sabiex tigi deciza,

Ikkonsidrat:-

Kif gia rilevat il-presenti kaswza giet trattata flimkien mal-kawza fl-istess ismijiet bid-differenza li fil-kawza l-ohra hemm zewg konvenuti u mhux wiehed kif hawn filpresemnti kawza.

L-imsemmija kawza l-ohra giet deciza illum u kwind qed issir referenza ghas-sentenza relattiva. Kif gia rilevat fil-kawza l-ohra li giet deciza illum il-konvenut ippresenta kontro-talba li appuntu tirreferi ghll-istess pretensjonijiet tal-konvenut kif dedotto fil-mandat kawtolatorju li hu l-mertu tal-presenti proceduri. L-istess kontro-talba tal-kovenut giet deciza billi giet akkolta. Konsegwentement il-konvenut kien korrett meta talab u ottjena l-hrug tal-mandat kawtelatorju in kwestjoni u ghalhekk it-talbiet kollha tas-socjeta’ attrici jimeritaw li jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement u fit-tieni lok billi tichad it-talbiet kollha tas-socjeta’ attrici.

Spejjez kollha jithallsu mis-sopcjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------